# Animazzjoni tal-Quddies tal-Ħadd

Il-Ħadd 22 ta' Ottubru 2017
Id-29 Ħadd Matul is-Sena
Sena A

**Introduzzjoni**

Illum ser niċċelebraw il-liturġija tad-disgħa u għoxrin Ħadd ta' matul is-sena. Il-liturġija ta' dan il-Ħadd tistedinna sabiex ma nżommux lura milli nagħtu lil Alla t-tifħir li jixraqlu.

Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**L-Ewwel Qari** (Is 45, 1.4-6)

Il-profeta Isaija jurina li Alla huwa dak li jieħu ħsieb lill-bniedem.
Nisimgħu l-ewwel qari.

**Salm Responsorjali** (Salm 95 (96), 1.3.4-5.7-8.9-10a.ċ)

Agħtu lill-Mulej sebħ u qawwa.

**It-Tieni Qari** (1 Tess 1, 1-5b)

Il-qawwa u l-fidi tan-nisrani ġejjin minn Alla, u dawn jissarrfu fl-imħabba lejn il-proxxmu.
Nisimgħu t-tieni qari.

**L-Evanġelju** (Mt 22, 15-21)

Ġesù jispjega lin-nies ta' żmienu biex ma jħalltux il-ħwejjeġ tal-art ma' dawk ta' Alla.

Nilqgħu bil-ferħ it-tħabbira tal-Evanġelju billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien l-Hallelujah.

**Offertorju**

Ejjew f'dan il-mument inkomplu nagħtu t-tifħir lil Alla tagħna permezz tal-offerti tagħna.

Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**

Il-profeta Isaija qalilna li Alla huwa dak li jieħu ħsieb il-bniedem. F'dan il-mument, Alla jidħol jgħammar fina sabiex aħna nkomplu ninbidlu aktar fiH.

Nersqu għat-tqarbin, filwaqt li nkantaw flimkien.